MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-22 ta' April, 2015

Talba Numru. 15/2014

**Ivan u Charmaine konjugi Debono ID 186275M u ID 258375M**

**vs**

**Noel Gauci**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ it-TALBA hi formulata hekk:-

*It-Tribunal huwa mitlub li jikkundanna lill-konvenut jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni li jridu jigu likwidati minn dan it-Tribunal minhabba li nonostante li l-konvenut gie ordnat permezz ta' sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi datata 8 ta' Marzu 2012 fl-ismijiet Charmaine Debono vs Gava Interiors (CCT 35/11) sabiex ibiddel it-tank ta' solar heater mibjugh minnu, dan naqas li jaghmel dak minnu ordnat u llum il-gurnata m'ghadux jopera l-hanut Gava Interiors. Kopja tas-sentenza relattiva qed tigi esebita bhala Dok A.*

*Illi l-attrici ttantat tipprocedi b'talba ghall-hrug ta'mandat in factum pero din giet michuda ghaliex din hija obbligazzjoni di dare li trendi lill-konvenut responsabbli ghad-danni fin-nuqqas (Dok B).*

*Bl-ispejjes u l-imghax.*

Ghal dan il-Konvenut ressaq RISPOSTA hekk:-

1. Dan il-kaz ga deciz mit-TRIBUNAL tal-KONSUMATUR u ghalhekk m'ghandux jigi kunsidrat.

2. Minghajr pregudizzju, id-decizjoni tat-Tribunal imsemmi ghandha tigi skartata ghar-ragunijiet li jigu deskritti waqt is-smiegh.

II PROVI

1. F'din il-kawza xehdet biss l-Attrici, waqt li l-Konvenut ma ressaq ebda provi minkejja li fl-udjenza tal-11 ta' Frar 2014 gie imnizzel, fost hwejjeg ohra, li l-kawza kienet differita ghall-provi konvenut u ghat-trattazzjoni ghall-11 ta' Marzu 2015 fin-12:30pm. Hawn il-Konvenut "imsejjah tliet darbiet ma deherx".

2. Charmaine Debono, Attrici, xehdet hekk:-

   *Jiena fit-2006 kont xtrajt solar water heater minghand il-konvenut. Kellu garanzija ta' hames snin fuq stainless steel u sentejn fuq parts u labour. Jiena wara sentejn beda jqattar u l-konvent kien qalli li l-inner tank kien imtaqqab u qalli li kellu jinbidel u ma kienx kopert bil-garanzija jiena imma meta rajt il-garanzija gejt ghal konkluzjoni li fil-fatt kien kopert bil-garanzija peress li kien parti tal-istainless steel. Minghand tal-Konsumatur hadt ragun izda l-konvenuat ma hallasx wara dik is-sentenza tal-Konsumatur. Skond is-sentenza kellu jaghtini wiehed gdid. Hu ma ghadux jahdem u ghadda ceru ammont ta' zmien u jiena ovvjament wara dan iz-zmien kollu nixtieq danni u mhux li jigi jbiddilli t-tank. Qed nesebixxi Dok CD li juri dak li jkollibzonn biex naghmel solar water heater iehor. Jien ghadu ghandi s-solar water heater imma dejjem peress li jqttar iqattar nispicca li xorta ma ghandix ilma shun xorta jkolli noqghod nixghel il-kitla. Jiena lanqas nista nixghelu meta rrid biex insahhnu l-ilma ghax iqattar l-ilma fuq it-termostat u malli nixghelu jwaqqali d-dawl kullimkien. Gava Interiors spiccat u allura jien mxejt kontra Noel Gauci peress li hu d-Direttur.*

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL hu t-tielet lok fejn l-Atturi qed jitolbu rimedju dwar *solar heater* li huma xtraw u hallsu tieghu izda ma sabuhx jiffonzjona kif suppost. Mhux biss, imma kkagunalhom inkonvenjenzi. Hawn wiehed iqis li t-TRIBUNAL prezenti hu statutorjament obligat li ghandu jqis principji ta' ekwita' meta jigi biex jasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu.

2. It-TRIBUNAL ghal Talbiet tal-Konsumatui, f'kaz bejn l-Attrici u Gava Interiors fuq l-ilment dwar dan il-*solar heater*, b'decizjoni tat-8 ta' Marzu 2012 ikkundanna lill-konvenut sabiex tbiddel it-tank tas-*solar heater* in kwistjoni ghas-spejjes tieghu.

3. Billi dan ma giex osservat gie ntavolat Mandat nru 289/2013 fl-ismijiet Charmaine Debono vs Gava Interiors u Noel Gauci billi l-Intimati m'aderixxewx ruhhom ma dina s-sentenza. Dana l-Mandat gie ntavolat fil-Qorti tal-Magistrati (Malta). B'sentenza tat-8 ta' Jannar 2014 it-talba giet michuda ghax kienet dwar obbligazzjoni "di dare" u mhux "di fare".

4. Mill-provi mressqa quddiem dan it-TRIBUNAL, jinhass li t-talba hi gustifikata u, x-xerrej ghandu dritt ghal kumpens. Hawn, *arbitrio boni viri* qed jigi fissat *quantum* ta' sitt mija u hamsin ewro (€650.00c)

5. Jitqies li fil-bidu l-Atturi mexxew kontra *Gava Interiors, Gava Interiors* u Noel Gauci u issa kontra Noel Gauci, *Gava Interiors* mhiex xi kumpanija b'personalita' legali distinta izda hi n-negozju ta' Noel Gauci – haga li dan ma ntmerietx.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) **jichad** l-eccezzjonijiet (2) **jilqa** t-Talba Attrici u (3) **jikkundanna** lil Noel Gauci biex ihallas lil Ivan u Charmaine Debono il-*quantum* ta' sitt mija u hamsin ewro (€650.00c) liema hlas ghandu jsir fi zmien ghaxart ijiem mil-lum u f'kaz ta' nuqqas jibda ghaddej l-imghax mil-lum stess sal-jum tal-pagament effettiv u (4) **jikkundanna** lill-istess Noel Gauci biex ihallas l-ispejjes tal-kawza prezenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------